# Patri Anastasju Cuschieri

## Karmelitan li għamel ġieħ lil pajjiżna

### Is-Sehem tiegħu fl-oqsma poetiċi, letterarji, politiċi u filosofiċi (I)

*minn Malcolm Schembri*

Ninsabu fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu li tiġi ċċelebrata fost l-oħrajn ġewwa l-Fgura u din is-sena wara li l-Editur reġa' stedinni biex niktiblu fil-ktieb tal-festa li toħroġ ta' kull sena l-Għaqda Mużikali u Soċjali Madonna tal-Karmnu, iddeċidejt li nikteb fuq Patri Anastasju Cushieri għax huwa stess kien jirrappreżenta l-Ordni Karmelitan. Il-kitba biħsiebni nqassamha fuq medda ta' snin għax hemm ħafna xi tgħid imma se tipprova nkun konċiż kemm nista' u nispjega ċerti termini li dak li jkun forsi jsibha diffiċli li jifhem. Minbarra hekk tinvolvi ħafna xogħol u tiftix. Bla ebda dubju fuq Anastasju Cuschieri nkiteb ħafna u għalhekk mhux se nkun l-ewwel wieħed li se nikteb fuqu. Li se nipprova nagħmel hu li nistħarreġ ix-xogħlijiet letterarji tiegħu kemm f'dawk li huma kitbiet, taħdidiet, poeżiji u fuq kollox il-kontribut filosofiku u anki politiku tiegħu. Dan kollu jintrabat flimkien.

Din is-sena se nitkellem fuq il-bijografija tiegħu u għal li ġej se nitkellem fuq l-oqsma filosofiċi, letterarji, poetiċi u politiċi tiegħu. Minn dak li rajt, jista' jitqies bħala wieħed mill-ġganti li l-Ordni Karmelitan f'Malta għandu biex jiftaħar għax tassew ħalla warajh tifkiriet kbar u ħadem f'ħafna oqsma. F'dak li sejjer nikteb jista' jkun hemm affarijiet li diġà nkitbu qabel, jista' jkun hemm affarijiet li forsi ma ġewx mistħarrġa bir-reqqa qabel, kif ukoll se jkun hemm affarijiet li f'din il-kitba, mhux se jkunu hemm għax għadni ma skoprejthomx u niltaqa' magħhom maż-żmien. Jista' jkun ukoll li maż-żmien, affarijiet li jintqalu f'din il-kitba, jista' jkun li jkunu żbaljati u naturalment ikunu jridu jiġu kkoreġuti. Xogħli hu li nistħarreġ, niġbor u ngħaqqad ħidmietu.

Anastasju Cuschieri twieled ġewwa l-Belt Valletta fis-27 ta' Jannar 1872. Daħal Patri Karmelitan fl-1891 u f'dik is-sena mar l-Università ta' Malta jistudja l-filosofija u dam seba' snin sal-1898 sakemm sar saċerdot. Fl-1898, meta ħa l-quddiesa u ggradwa, mar Ruma biex ikompli jistudja l-filosofija tad-Dumnikani, Angelicum u fit-Teoloġija fl-Università tal-Ġiżwiti, Gregorjana.

Fl-1901, hu ggradwa bħala duttur tal-filosofija u duttur tat-teoloġija. F'dik is-sena hu nħatar Professur tal-Filosofija fl-Università ta' Malta u sena wara fl-1902, sar Dekan tal-filosofija fl-istess Università fejn dam sal-1932. Il-ħidma filosofika tiegħu wettaqha fuq medda ta' erbgħin sena li tagħha nsibu xhieda għax ħalla warajh numru ta' xogħlijiet ta' natura filosofika.

Huwa nħatar darbtejn Superjur tal-Ordni tiegħu f'Malta fl-1906 sal-1910 u fl-1913 sal-1916. Kien midħla sew fl-ilsna l-iktar fl-ilsien Taljan tant li għal bosta snin, kien wieħed mill-eżaminaturi f'Malta tal-lingwa u l-letteratura Taljana. Madanakollu xorta kien marbut mal-ilsien Malti l-iktar bil-kitba tal-poeżiji li baqa' mfakkar għalihom.

Tant hu hekk li baqa' jissejjaħ il-**poeta tal-kelma Maltija** u anki l-**poeta tal-Madonna** għax l-imħabba tiegħu lejn il-Madonna tissarraf f'kitba ta' versi reliġjużi u eżistenzjali. Kiteb ukoll diversi poeżiji b'temi patrijottiċi fejn fihom juri l-imħabba tiegħu lejn l-ilsien Malti.

Fl-1927, daħal għall-impenn politiku mal-Patit Nazzjonalista fejn kien anki ġie elett fil-Parlament Malti bħala senatur u rappreżentant tal-grawdati tal-Università. Fl-1921 sar id-Direttur tal-ewwel *study club* għall-edukazzjoni tal-ħaddiem Malti li ġie mniedi mill-*Unione Cattolica San Giuseppe*. Kien predikatur imfittex ħafna u kien isaħħar liż-żgħażagħ fl-Università bil-kelma u l-personalità tiegħu. Kien bniedem sportiv, maħbub tal-futbol u tal-biljards u kienet l-għaxqa tiegħu jitkellem mal-ħbieb. F'ħajtu ftit li xejn kellu pubblikazzjonijiet u għalhekk ħsibijietu ma tantx huma magħrufin, għalkemm tiegħu jeżistu manuskritti u noti mhux ippubblikati.

Anastasju Cushieri ħalla din id-dinja fil-25 ta' Lulju 1962. Din il-kitba kienet biss introduzzjoni għal dak li ridt nistħarreġ. Is-sena d-dieħla nkomplu niżvolġu s-suġġett iktar fid-dettall. Nappreżza jekk nirċievi kummenti fuq Anastaju Cuschieri fl-indirizz elettroniku **malcolm.schembri179@gmail.com**.

Grazzi u l-festa t-tajba lil kulħadd.

Referenza Preliminari

Mark F. Montebello O.P., ***Il-Ktieb tal-Filosofija Maltija, L-Ewwel Volum (A-L),*** Pubblikazzjoni Indipendenza, 2001, p. 103.